MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2009

Avviz Numru. 91/2008

**Michael Attard Limited C 32362**

**Vs**

**Richard Attard f'ismu proprio u ghan-nom tal-kumpanija Kala Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut pro et noe ghall-hlas tas-somma ta' €6905.19 (sitt elef, disa' mija u hames euro u dsatax-il euro centezmu) rapprezentanti import ta' 16 (sittax-il) kambjala skaduta, accettata u ffirmata mill-intimat.

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut pro et noe li gie ngunt ghas-subizzjoni.
Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici fil-kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut pro et noe naqas u ma deherx la fit-13 ta’ Jannar 2009 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut pro et noe.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------